



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.5.2013
COM(2013) 307 final

2013/0159 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa
tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni
tal-muturi fir-rigward tal-istorbju**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet tal-proposta u l-għanijiet tagħha**

Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) tiżviluppa rekwiżiti armonizzati, li huma maħsubin biex ineħħu l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu ikunu ffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal rikonossiment reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958")¹ u biex jiżguraw li vetturi bħal dawn joffru livell għoli ta' saħħa, sikurezza u protezzjoni ambjentali.

Ir-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-muturi fir-rigward tal-istorbju² ("ir-Regolament tan-NU/KEE Nru 41") dan l-aħħar ingħata l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali kif miksub permezz tal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni, u għalhekk issa l-Unjoni tista' tibda tapplika dan ir-Regolament tan-NU/KEE. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ekwivalenti għall-kontroll tal-istorbju tal-muturi u kjarifiki għat-test tal-kejl tal-ħoss tal-vettura wieqfa ta' vetturi bħal dawn.

Fil-livell tal-UE, l-Anness I tad-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta³, b'referenza għall-Kapitolu 9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur⁴, jagħti l-mandat għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, skont il-proċeduri tal-kejl u l-valuri ta' limitu għal livelli tal-ħoss kif inhu stabbilit fl-Anness I.

Issa li r-Reviżjoni 4 tar-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 ġiet stabbilita, huwa xieraq li l-Unjoni tapplika l-imsemmi Regolament.

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill se tawtorizza lill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea biex tinnotifika l-applikazzjoni tar-Regolament tan-NU/KEE Nru 41.

- Il-kuntest ġenerali**

Il-Kapitolu 9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE jistabbilixxi r-rekwiżiti bażiċi għal ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom. Ġie meqjus neċessarju li jiġu stabbiliti l-proċeduri u r-rekwiżiti tat-testijiet tal-ħoss speċifiċi għal din l-approvazzjoni tat-tip fil-livell tal-UE.

Issa huwa previst li l-Unjoni Ewropea tapplika r-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 biex ikun hemm rekwiżiti armonizzati komuni fuq livell internazzjonali, u dan se jiffaċilita l-kummerċ

¹ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 11, il-Volum 27, p. 52-54.

² Dokumenti tan-NU/KEE /TRANS/WP.29/2011/62 u ĠU L 317, 14.11.2012, p. 1.

³ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 13, il-Volum 29, p. 399-442.

⁴ ĠU L 226, 18.8.1997, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 07, il-Volum 003 p. 34-487.

internazzjonali u se jieħu post ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni eżistenti kif stipulat fil-Kapitolu 9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE. Dan ikun jippermetti lill-kumpaniji Ewropej li jsegwu sett wieħed ta' rekwiżiti rikonnoxxuti mad-dinja kollha, jiġifieri fil-pajjiżi/Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Rivedut tal-1958 tan-NU/KEE.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Kapitolu 9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE fih rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta (il-kategorija L) fir-rigward tal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema tal-egżost tagħhom.

- **Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni**

Il-proposta hija konformi mal-għanijiet tad-Direttivi 2002/24/KE u 97/24/KE u, għalhekk, hija konsistenti mal-għanijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u ambjentali tal-UE u l-għan li jsir progress lejn l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-muturi.

Barra minn hekk, il-proposta hija f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE bil-għan tal-applikazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim Rivedut tal-1958.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Hi u tiżviluppa l-proposta, il-Kummissjoni Ewropea kkonsultat mal-partijiet interessati u mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati. Kien hemm konsultazzjoni ġenerali dwar l-approċċ previst rigward l-emissjonijiet tal-ħoss tal-vetturi fil-qafas tal-proċess "CARS 21" li ġabret flimkien l-Istati Membri, il-manifatturi (ir-rappreżentanti Ewropej u daww nazzjonali u kumpaniji individwali), il-manifatturi tal-komponenti, l-organizzazzjonijiet tat-trasport u r-rappreżentanti tal-utenti. L-approċċ propost fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 se jiġi ppreżentat ukoll fil-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV), kif ukoll fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Muturi.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

L-applikazzjoni tar-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 ma twassalx għal reviżjoni tal-limiti tal-emissjonijiet tal-ħoss u/jew tal-limiti stabbiliti, kif stipulat attwalment fid-Direttiva 97/24/KE. Barra minn hekk, il-metodi tal-ittestjar stabbiliti fir-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 huma ekwivalenti fl-ambitu u l-approċċ xjentifiku għal daww previsti fid-Direttiva 97/24/KE. Għalhekk, il-proċess ta' applikazzjoni propost mhux mistenni jkollu impatt soċjali, ambjentali u ekonomiku għall-Unjoni Ewropea jew għaż-ŻEE minħabba l-ekwivalenza ġenerali kemm tal-metodi tal-ittestjar għall-emissjonijiet tal-ħoss proposti, kif ukoll tal-limiti tal-emissjoni tal-ħoss u tal-limiti stabbiliti involuti.

Skont il-qafas tal-abbozz ta' proposta għal Regolament (UE) Nru .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza fis-suq ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti u kwadriċikli⁵, saret analiżi tal-kostbenefiċċju dwar il-ħoss u t-tbagħbis fil-vetturi tal-

⁵ COM(2010) 542 finali.

kategorija L (vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta)⁶, li wera d-deterjorament tal-emissjoni tal-ħoss f'vetturi tal-kategorija L minħabba t-tbagħbis. F'dan ir-rigward, ir-Regolament tan-NU/KEE Nru 41, minbarra l-ekwivalenza tiegħu għall-metodi tal-ittestjar u l-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet tal-ħoss tal-UE, jintroduċi elementi u miżuri kosteffikaċi kontra t-tbagħbis, u b'hekk f'armonija sħiħa mal-inizjattiva leġislattiva li għaddejja għall-vetturi tal-kategorija L.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta se tippermetti lill-Unjoni biex tapplika r-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 dwar l-emissjonijiet tal-ħoss mill-muturi u tissostitwixxi r-rekwiżiti tal-ittestjar reġjonali tal-UE permezz ta' proċeduri u r-rekwiżiti tat-testijiet armonizzati mad-dinja kollha.

- **Bażi legali**

Filwaqt li jitqiesu l-għan u l-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, il-bażijiet legali huma l-Artikoli 114(1) u 207(4) tat-TFUE. Il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill hija dik indikata fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Ir-rekwiżiti tal-ħoss huma diġà armonizzati fil-livell tal-UE, iżda l-leġislazzjoni rilevanti hija skaduta u teħtieġ aġġornament fir-rigward tal-progress tekniku li sar mill-adozzjoni tagħha. L-applikazzjoni tal-istrumenti internazzjonali bħalma huma Regolamenti tan-NU/KEE ekwivalenti u l-inkorporazzjoni tagħhom fis-sistema tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur tista' ssir biss mill-Unjoni Ewropea. Dan mhux biss jevita l-frammentazzjoni tas-Suq Intern, iżda wkoll jassigura standards uniformi dwar is-saħħa, is-sikurezza u l-ambjent madwar l-Unjoni. Dan joffri wkoll vantaġġi li ġejjin mill-ekonomiji ta' skala: il-prodotti jistgħu jsiru għas-suq kollu tal-Unjoni u anki għas-suq internazzjonali, minflok jiġu manifatturati apposta biex jingħataw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal kull Stat Membru.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex tilħaq l-għanijiet li tiżgura t-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm livell għoli ta' sikurezza pubblika u ħarsien ambjentali.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huwa meqjus xieraq l-użu ta' Deċiżjoni tal-Kunsill billi dan jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.

⁶ Ir-rapport pendenti għar-reviżjoni u l-adozzjoni mill-Kummissjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-muturi fir-rigward tal-istorbju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114(1) u 207(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew⁷,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 l-Unjoni laqgħet il-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, għat-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jitwāhhlu u/jew jiġu użati fuq vetturi bir-roti u għall-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim Rivedut tal-1958")⁸.
- (2) Ir-rekwiżiti armonizzati tar-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-muturi fir-rigward tal-istorbju⁹ ("ir-Regolament tan-NU/KEE Nru 41") huma intiżi li jneħħu ostakli tekniċi fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-partijiet kontraenti għall-Ftehim Rivedut tal-1958 u biex jiżguraw li vetturi bħal dawn joffru livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni.
- (3) Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u

⁷ Il-kunsens ta'...

⁸ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 11, il-Volum 27, p. 52-54.

⁹ ĠU L 317, 14.11.2012, p. 1.

li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE¹⁰ u d-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tlett roti b'mutur¹¹ u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha, jagħtu mandat għall-adozzjoni ta' livelli permissibbli tal-ħoss, sistemi tal-egżost u proċeduri għall-ittestjar ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta.

- (4) Il-Kapitolu 9 tal-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE fih rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategorija L fir-rigward tal-livell permissibbli tal-ħoss u s-sistema tal-egżost tagħhom.

Vetturi tal-kategorija L huwa l-isem tal-familja ta' vetturi ħfief b'hal roti motorizzati, mopeds b'żewġ jew tliet roti, muturi bi u mingħajr sidecar, triċikli u kwadriċikli.

- (5) Fid-data tal-adeżjoni tagħha għall-Ftehim Rivedut tal-1958, l-UE aderixxiet għal numru limitat ta' Regolamenti tan-NU/KEE elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 97/836/KE; Ir-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 ma kienx inkluż f'dik il-lista.
- (6) Kif previst fl-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 97/836/KE, u skont l-Artikolu 1(7) tal-Ftehim Rivedut tal-1958, l-Unjoni tista' tiddeċiedi li tapplika wiehded, xi wħud jew kull Regolament tan-NU/KEE li ma kinitx għadha ssieħbet fih fiż-żmien tal-adeżjoni għall-Ftehim Rivedut tal-1958. Id-Deċiżjoni għandha tkun adottata mill-Kunsill wara li jirċievi l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew.
- (7) Issa huwa xieraq li l-Unjoni Ewropea tapplika r-Regolament tan-NU/KEE Nru 41 biex ikun hemm rekwiżiti armonizzati komuni fuq livell internazzjonali, u dan se jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali u se jieħu post ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni eżistenti stipulati fil-Kapitolu 9, l-Anness I tad-Direttiva 97/24/KE. Dan ikun jippermetti lill-kumpaniji Ewropej li jsegwu sett wiehded ta' rekwiżiti rikonoxxuti mad-dinja kollha, b'mod partikolari fil-pajjiżi/Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Rivedut tal-1958 tan-NU/KEE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni Ewropea għandha tapplika r-Regolament Nru 41 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-muturi fir-rigward tal-istorbju.

¹⁰ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 13, il-Volum 29, p. 399-442.

¹¹ ĠU L 226, 18.8.1997, p. 1, Edizzjoni Speċjali bil-Malti: il-Kapitolu 7, il-Volum 3, p. 34-487.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun notifikata mill-Kummissjoni lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*